

Brussell, 7 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

12271/19

AGRILEG 159

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	D045385/06 - ST 11556/19
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' XXX li jemenda r-Regolament (UE) Nru 546/2011 fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatt tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fuq in-naħal tal-għasel - <i>Deċiżjoni li ma jkunx hemm oppożizzjoni għall-adozzjoni</i>

1. Fit-30 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni ppreżentat għall-iskrutinju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill l-abbozz ta' Regolament imsemmi hawn fuq (ST 11556/19) f'konformità mal-Artikolu 5a (3)(a) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, kif modifikata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/512/KE li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni.
2. Il-Grupp ta' Ħidma ta' Kunsillieri għall-Agrikoltura, permezz ta' proċedura informali bil-miktub (WK 9057/2019, WK 10020/2019), qies li ma hemm ebda raġuni għalfejn il-Kunsill għandu jopponi l-adozzjoni tal-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden:
- jikkonferma l-qbil li ntlaħaq mill-Grupp ta' Ħidma, u
 - jirrakkomanda lill-Kunsill jikkonferma, bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu, li ma hemm ebda raġuni għalfejn għandu jopponi l-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni msemmi hawn fuq.
-